MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 2338/2003/1

**Terranet Limited**

**vs**

**Andrew Grech**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Jannar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1373.77 (elf tlett mija tlieta u sebghin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) bhala rifuzzjoni ta' nofs paga ta' xahar wara li l-konvenut itternima l-kuntratt ta' impjieg qabel iz-zmien kif ukoll

somma ekwivalenti ghal nofs l-ispiza inkorsa mis-socjeta` attrici ghall-uniformi li nghata l-konvenut.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi s-socjeta` attrici kienet timpjega lill-konvenut in forza ta’ kuntratt ta’ impieg tas-7 ta’ Marzu, 2002, ghal zmien specifikat ta’ sentejn li bdew jiddekorru mill-imsemmija data.

Illi fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici, il-konvenut inghata uniformi;

Illi l-konvenut ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici b’ittra li l-istess konvenut bghat lis-socjeta` attrici li l-istess socjeta` irceviet fis-7 ta’ Awissu, 2003, u cioe` seba` xhur qabel ma ghalaq iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta’ impieg hawn fuq imsemmi;

Illi a tenur tal-kuntratt ta’ impieg in kwistjoni il-konvenut huwa obbligat li jhallas is-socjeta` attrici somma ekwivalenti ghal nofs il-paga (kif definit fil-Ligi vigenti) kollha li kienet tmiss lill-istess socjeta` relattivament ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem skond l-istess kuntratt, kif ukoll somma ekwivalenti ghal nofs l-ispiza inkorsa mis-socjeta` attrici ghall-uniformi li nghata l-konvenut, ghas-somma premessa fl-Avviz odjern.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Settembru, 2003 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi kuntrarjament ghal dak allegat fl-avviz tat-talba, l-impjieg tal-konvenut gie iffirmat mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma jidhlux fis-sehh id-diposizzjoni tal-artikolu 11.2 tal-ftehim tas-7 ta’ Marzu 2002.

Illi fil-mertu l-ammont mhux dovut.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-Tribunal jinsab ricnfaccjat b’sitwazzjoni fejn iz-zewg versjonijiet moghtija huma verosimili. Da parti tas-socjeta attrici, tallega li l-impjegat taghha baghat ittra ta’ rizenja minghajr gustifikazzjoni u hija tirrevoka l-kuntratt. Il-konvenut jallega li kienet l-istess socjeta` attrici li talbitu jaghmel ittra ta’ rizenja biex l-istorja tieqaf hemm. Dak li huwa mankanti f’din il-kawza hija x-xhieda ta’ Dorianne Mallia. Din kellha tkun il-prova madre! Pero` mill-banda l-ohra hemm ix-xhieda ta’ omm il-konvenut li din Dorianne Mallia qaltilha kif tikteb l-ittra. Il-konvenut ma kienx kapaci u ta` certu livell biex jikteb l-ittra. Din il-versjoni taghmel sens ghax jekk il-kumpanija attrici kienet tkecci lill-impjegat dana seta jikkontesta l-istess terminazzjoni. B’ittra tar-rizenja l-impjegat ma setax jiehu passi skond il-kuntratt. Izda t-triq tibqa miftuha ghas-socjeta` attrici.

Jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici b’ sensiela ta’ aggravji redatti f’ dawn it-termini:-

(1) Il-konkluzjoni tat-Tribunal hi kontradittorja ghall-istess konsiderazzjonijiet tieghu;

(2) It-Tribunal ghamel enuncjazzjoni zbaljata tal-principju legali applikabbli ghal kaz;

(3) It-Tribunal injora l-kuntratt ta’ impjieg;

(4) It-Tribunal ghazel li jemmen l-allegazzjoni tal-konvenut kontra l-prova miktuba;

(5) It-Tribunal iddecieda l-kawza fuq eccezzjonijiet differenti minn dawk dedotti mill-konvenut fir-risposta tieghu;

(6) It-Tribunal ghamel konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti ghall-vertenza bejn il-kontendenti;

Il-Qorti mhix behsiebha tikkunsidra l-precitati aggravji singolarment imma ser tiddelibera dwarhom b' mod generali wara li tippremetti dawn il-fatti:-

(1) Il-konvenut kien impjegat bhala Internet Technical Support Officer mal-kumpanija attrici skond kuntratt ta' impjieg ghal zmien determinat ta' sentejn li beda mis-7 ta' Marzu 2002. Ara kopja tal-kuntratt a fol. 28;

(2) Fis-7 ta' Awissu 2003 il-kumpanja attrici giet mgharrfa mill-konvenut illi hu kien qed jirrizenja mill-impjieg. Ara ittra a fol. 36;

(3) Bi twegiba ghal din l-ittra s-socjeta` attrici kitbitlu biex tfakkru illi skond il-kuntratt ta' impjieg huwa kien tenut ihallas "*termination penalty*" (fol. 37). Dan fis-sens li l-konvenut "*shall pay to the Company one half (1/2) of the salaries that would have accrued in respect of the unexpired period*" (klawsola 11.2 tal-kuntratt ta' impjieg);

(4) Il-konvenut jistqarr li hu gie mgieghel jirrizenja ghaliex il-principal heddu li jdahhal fin-nofs il-pulizija dwar xi xoghol li hu ghamel privatament. Jinsisti li fl-opinjoni tieghu ma kien hemm ebda raguni biex il-kumpanija tittermina l-impjieg tieghu. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 48;

(5) L-istess konvenut isemmi lil certa Dorianne Mallia, presumibilment impjegata tal-kumpanija, li ddettatlu kif ghandu jikteb l-ittra ta' rizenja. F' dan, il-konvenut hu korroborat minn ommu Anna Grech (fol. 46). Irid jinghad li Dorianne Mallia baqghet ma gietx prodotta minnu bhala xhud;

Stabbiliti dawn il-fatti kif jirrizultaw mill-atti processwali, ma jistax ikun dubitat illi d-dimissjoni mill-impjegat, l-istess

bhal licenzjament tieghu mill-principal, hu att guridiku unilaterali. F' dan il-kaz pero` l-konvenut-impjegat jikkontrapponi difiza artikolata fuq rizenja koercitiva mposta fuqu mill-kumpanija attrici u, dejjem skond l-istess konvenut, hu ffirma l-ittra ta' rizenja "taht il-kondizzjoni li ma jidhlux pulizija fin-nofs, u li kollox jieqaf hemmhekk" (fol. 49). Innegabilment, l-accertament ta' din l-allegazzjoni difensjonali kien affidat lit-Tribunal fil-mertu u dan solitament mhux censurabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni jekk jinstab li hu korrettement motivat;

Jinghad mill-ewwel illi din il-Qorti ma hi xejn konvinta mir-razzjonalita` tal-motivazzjoni u, anzi, hi tal-fehma li t-Tribunal evalwa leggerment il-provi li kellu quddiemu b' mod li ma okkupax ruhu mill-elementi kollha, processwalment akkwiziti, fl-investigazzjoni unitarja li l-kaz kien jimmerita. Dan qed jigi rilevat in kwantu dak li kellu jigi ndagat ma kienux is-semplici dikjarazzjonijiet imma wkoll dik il-kondotta sinjifikattiva adottata mill-partijiet. Hekk, per ezempju, jirrizulta illi l-imgieba tal-kumpanija appellanti, successivament u immedjatament ghar-recezzjoni ta' l-ittra ta' rizenja, ma kienet xejn tafferma dak allegat mill-konvenut appellat li kien hemm speci ta' ftehim reciproku illi l-kwestjoni tieqaf hemm u li l-kumpanija ma tipprocedix b' xi pretiza taghha taht il-kuntratt. Zgur, imbaghad, minn dik l-istess rejazzjoni tal-kumpanija attrici ma jista' jigi ravvizat ebda rinunzja ta' xi abbandun tad-dritt li tipprosegwi ghall-jeddijiet taghha;

Maghdud dan, haga naturali r-rizenja *ut sic* ma teskludix illi tigi mistharrga u accertata l-volonta` reali tal-partijiet u li dak li sehh ma kienx fil-verita` xi simulazzjoni jew licenzjament forzat taht il-parvenza ta' rizenja, anke jekk ikollu jinghad li, apparentement, l-att ta' rizenja li taghmel l-ittra tal-konvenut hu pjuttost univoku u juri l-volonta` tieghu li jittermina r-rapport tax-xoghol;

Issa l-konvenut, kif manifest mid-dikjarazzjoni tieghu aktar 'il fuq riportata, igib 'il quddiem allegazzjoni li hu ghamel u

ffirma l-ittra ta' rizenja ghax gie "mhedded" li l-principal tieghu ser jirreferi l-kaz dwar xoghol li hu ghamel privatament lill-pulizija. Anke kieku din il-Qorti kellha tammetti din l-allegazzjoni, ir-rimedju suggerit f' tali cirkustanzi kien dak certament li hu jipprocedi gudizzjarjament biex jannulla dik id-dimissjoni u b' hekk jirrivendika d-drittijiet tieghu taht il-kuntratt u fil-ligi. Dan bil-motiv illi l-kunsens tieghu kien, ghal dik ir-raguni ta' l-allegata "minaccja", vizzjat u hu gie mgieghel jirrizenja kontra l-volonta` tieghu. Minn dan kollu l-konvenut ma ghamel xejn. Objettivament, ghalhekk, l-allegazzjoni intimidatorja li l-appellat jaskrivi lis-socjeta` attrici appellanti u li hu jikkontendi li giet rivolta lilu biex iggeghlu jiddimetti ma tistax ragonevolment tigi accettata;

Hi pjuttost il-konvinzjoni tal-Qorti li l-konvenut ghazel li jtemm l-impjieg tieghu ghax fi kliemu stess "kont imdejjaq, qbadt iffirmajt l-ittra u tlaqt 'il barra" (fol. 49). Certament dan kien dritt tieghu li hekk jaghzel li jaghmel imma dan ma jfisserx illi din l-istess motivazzjoni tieghu, hekk sufficjentement specifika u kompleta, tista' tissarraf f' xi motiv gustifikat biex hu jittermina l-kuntratt ta' servizz intercedut minghajr ma jinkorri fis-sanzjoni penalistika espressa fl-istess kuntratt. Sanzjoni din li wara kollox tirrifletti dak provvdut mil-ligi specjali li tirregola l-materja ta' impjieg ghal zmien determinat;

B' mod generali f' materja ta' kuntratti li fihom hi prevvista penali jinsab ritenut illi "l-htija fil-kaz ta' inadempjenza ta' l-obbligazzjoni hi nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tipprovax il-kaz fortuwitu jew il-forza magguri jew raguni ohra ta' ezenzjoni mir-responsabilita`, u ghalhekk min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti hu obbligat li jhallas dik il-penali jekk ma jipprovax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali" (**Kollez. Vol. XLIII P I p 259**);

Fil-kaz taht konsiderazzjoni ma tirrizultax fil-fehma tal-Qorti ebda raguni gravi li tinkolpa lis-socjeta` appellanti

fis-sens pretiz mill-konvenut appellat ta' xi estorsjoni tad-dimissjoni tieghu taht "theddid". Dan igib illi r-rizenja tieghu *ante tempus* kienet ingustifikata u dan, f' rapport tax-xoghol ghal zmien determinat, kellu, u ghandu, jissarraf fl-obbligu tar-rizarciment da parti tieghu fit-termini tal-kuntratt ta' impjieg (klawsola 11.2) u tal-ligi (Artikolu 36 tal-Kapitolu 452). Dan apparti l-hlas dovut ghall-uniformi li nghatatlu (klawsola 7.8). Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tarax in-necessita` li tokkupa ruhha mill-ilmenti l-ohra sottometti mis-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma stabbilita fl-avviz korrispondenti ghan-nofs il-paga ghal bqija taz-zmien ta' impjieg kuntrattat u nofs l-ispiza inkorsa mis-socjeta` attrici ghall-uniformi li nghatat lill-konvenut fil-kors ta' l-impjieg tieghu. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------